# LILL-BAĦAR MEDITERRAN

*Ta'* Dun Frans Camilleri

Kull xhin b'nifsek qalil taħbat għax-xtajta
  U mewġa mewġa ssib il-mewt mal-blat,

Tinstema' tidwi l-waqgħa, b'sabta u għajta,
  Tas-saltniet kbar li ġġarrfu qalb is-swat.

Mera tas-sema, inti bandalt il-ġrajja
  Li bnew u waqqgħu liċ-ċivilitajiet.

Elf darba skirt bid-demm f'taqbid għall-ħajja
  Li qered l-isbaħ żgħażagħ, l-ogħna bliet.

F'sidrek iehġien ġarrabt b'liema taħbita
  Ħabtet qalb Ċesri w Alessandru l-Kbir;

U rajtu 'l Nelson jirbaħ fit-tislita
  L-iġfien ta' Napuljun ġo Aboukir.

Hawn, f'Malta wkoll, wassalt qliet l-egħdewwa,
Imm'inti kont li ġibt id-Dawl tas-Sewwa!